



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.12.2012
COM(2012) 724 final

2012/0343 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda ċerti atti leġislattivi fil-qasam tal-istatistika agrikola u tas-sajd

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħmel distinzjoni bejn (a) is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali biex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv kif stipulat fl-Artikolu 290(1) tat-TFUE (atti ddelegati), u (b) is-setgħat ikkonferiti lill-Kummissjoni biex tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' atti legalment vinkolanti tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 291(2) tat-TFUE (atti ta' implimentazzjoni).

Il-Kummissjoni impenjat ruhha¹, fir-rigward tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni², biex tirrevedi atti leġiżlattivi li bħalissa fihom referenzi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju fid-dawl tal-kriterji stipulati fit-Trattat.

L-għan ġenerali huwa li sa tmiem is-seba' mandat tal-Parlament (Ġunju 2014), jitneħħew id-dispożizzjonijiet kollha li jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju mill-istrumenti leġiżlattivi kollha.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġu mibdula disa' atti leġiżlattivi fil-qasam tal-istatistika agrikola u tas-sajd sabiex jiġu allinjati mal-kuntest istituzzjonali l-ġdid.

Għal finijiet ta' kompletezza, din hija l-lista ta' strumenti li għandhom jiġu aġġustati:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE tad-19 ta' Marzu 1996 fuq stħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-halib³;
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltra fil-Komunità⁴;
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-preżentazzjoni ta' dejta tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91⁵;
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96⁶;
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 1165/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-istatistika dwar il-bhejjem u l-laħam u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE, 93/24/KEE u 93/25/KEE⁷;

¹ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 19.

² ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

³ ĠU L 78, 28.3.1996, p. 27.

⁴ ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1.

⁵ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 1.

⁶ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 1.

- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li m'humiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (Tfassil mill-ġdid)⁸;
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (tfassil mill-ġdid)⁹;
- (8) Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (tfassil mill-ġdid)¹⁰;
- (9) Ir-Regolament (KE) Nru 543/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93¹¹;

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ma kienx hemm bżonn ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati jew ta' valutazzjoni tal-impatt.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

• Sommarju tal-azzjoni proposta

L-għan ta' din il-proposta huwa li jinbiddu disa' atti leġislattivi fil-qasam tal-istatistika agrikola u tas-sajd sabiex jiġu allinjati mal-kuntest istituzzjonali l-ġdid.

B'mod partikolari, l-għan hu li jiġu identifikati liema setgħat il-Kummissjoni għandha u li tiġi stabbilita l-proċedura xierqa għall-adozzjoni ta' miżuri fuq il-bażi ta' dawn il-poteri.

• Is-semplifikazzjoni tas-Sistema Statistika Ewropea

Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea¹² ddefinxxa s-Sistema Statistika Ewropea (SSE) bħala sħubija bejn l-awtorità statistika Ewropea, li hija l-Kummissjoni (l-Eurostat), u l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (NSIs) u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea.

Il-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea (KSSE), stabbilit bl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, jitqies bħala l-kumitat prinċipali fl-SSE. Dan jgħin lill-Kummissjoni fl-

⁷ ĠU L 321, 1.12.2008, p. 1.

⁸ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1.

⁹ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42.

¹⁰ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70.

¹¹ ĠU L 167, 29.6.2009, p. 1.

¹² ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

eżerċitar tas-setgħat ta' implementazzjoni tagħha f'ċerti oqsma statistiċi. Dawn jeskludu l-istatistika agrikola u tas-sajd fejn il-Kummissjoni hija megħjuna mill-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola (KPSA)¹³.

Il-Kummissjoni qed tipproponi struttura ġdida għas-SSE bl-għan li jitjiebu l-koordinazzjoni u s-sħubija fi struttura piramida ċara fi ħdan l-SSE, bil-KSSE bħala l-ogħla korp strateġiku. Aspett wieħed ta' din is-semplifikazzjoni huwa l-konċentrazzjoni tas-setgħat ta' komitoloġija f'idejn il-KSSE. Fi Frar 2012¹⁴, il-KSSE appoġġja dan l-approċċ ġdid.

Is-suġġeriment huwa għalhekk li jiġu mibdula d-disa' atti legiſlattivi sabiex jissostitwixxu r-referenza għall-SCAS b'referenza għall-ESSC.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

- **Għażla tal-istrument**

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

Xejn

¹³ ĠU L 179, 7.8.1972, p. 1 (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE tal-31 ta' Lulju 1972 li twaqqaf Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola).

¹⁴ It-12-il laqgħa tal-KSSE, fit-12 ta' Frar 2012.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda ċerti atti leġiżlattivi fil-qasam tal-istatistika agrikola u tas-sajd

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni jeħtieġ li jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE.
- (2) Il-Kummissjoni impenjat ruhha¹⁵, fir-rigward tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹⁶, biex tirrevedi atti leġiżlattivi li bħalissa fihom referenzi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju fid-dawl tal-kriterji stipulati fit-Trattat.
- (3) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tal-atti leġiżlattivi, partikolarment biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq l-unitajiet li jwiegħbu.
- (4) L-atti leġiżlattivi fil-qasam tal-istatistika agrikola u tas-sajd, imsemmija fil-premessi 5-13, fihom referenzi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju u għalhekk għandhom jiġu riveduti fid-dawl tal-kriterji stipulati fit-Trattat.

¹⁵ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 19.

¹⁶ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

- (5) F'dak li jirrigwarda d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE tad-19 ta' Marzu 1996 fuq stħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-halib¹⁷, biex jitqiesu l-esperjenza miksuba u l-evoluzzjoni ekonomika, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni ta' impriżi agrikoli, fir-rigward tal-lista ta' prodotti tal-ħalib koperti mill-istħarriġ u tad-definizzjonijiet standard li għandhom jintużaw fil-komunikazzjoni tar-riżultati għall-prodotti varji.
- (6) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità¹⁸, biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-aġġornament tal-Annessi I u II għal dak ir-Regolament.
- (7) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-preżentazzjoni ta' dejta tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91¹⁹, biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattament tekniku tal-Annessi ta' dak ir-Regolament.
- (8) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96²⁰, biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-bidliet tekniċi lill-Annessi ta' dak ir-Regolament.
- (9) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1165/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-istatistika dwar il-bhejjem u l-laħam u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE, 93/24/KEE u 93/25/KEE²¹, biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' modifiki għall-Annessi I, II, IV u V għal dak ir-Regolament.
- (10) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana²², biex jitqies il-progress tekniku u r-rekwiżiti internazzjonali, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi tal-Annessi I, II, III u IV.

¹⁷ ĠU L 78, 28.3.1996, p. 27.

¹⁸ ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1.

¹⁹ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 1.

²⁰ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 1.

²¹ ĠU L 321, 1.12.2008, p. 1.

²² ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1.

- (11) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku²³, sabiex jitqies il-progress tekniku u r-rekwiżiti internazzjonali, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi lil-listi tal-ispeċijiet u tar-reġjuni tal-istatistika tas-sajd u d-deskrizzjonijiet ta' dawk ir-reġjuni, kif ukoll fir-rigward tal-miżuri, il-kodiċijiet u d-definizzjonijiet applikati għall-attivitàjiet tas-sajd, it-tagħmir tas-sajd, id-daqs tal-bastimenti u l-metodi tas-sajd.
- (12) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku²⁴, biex jitqies il-progress tekniku u r-rekwiżiti internazzjonali, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi lil-listi tal-ispeċijiet u tar-reġjuni statistiċi tas-sajd, id-deskrizzjonijiet ta' dawn ir-reġjuni tas-sajd u l-grad permess tal-aggregazzjoni tad-dejta.
- (13) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 543/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93²⁵, biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattament tat-tabelli ta' trażmissjoni kif stabbilit fl-Anness.
- (14) Hija ta' importanza partikolari għall-Kummissjoni li twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tnejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ssir trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (15) Il-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola (SCAS) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE tal-31 ta' Lulju 1972²⁶ jipprova pariri lill-Kummissjoni u jgħinha fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni tagħha skont l-atti leġislattivi msemmija fil-premessi 5-13.
- (16) Taħt l-istrateġija għal struttura ġdida tas-Sistema Statistika Ewropea (l-SSE), bl-għan li jitjebu l-koordinazzjoni u s-sħubija fi struttura piramida ċara fi ħdan l-SSE, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea²⁷, għandu jkollu rwol ta' konsulenza u jgħin lill-Kummissjoni biex teżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha.
- (17) Għal dan l-għan, l-atti leġislattivi msemmija fil-premessi 5-13 għandhom jiġu modifikati, bir-referenza lill-SCAS tiġi mibdula b'referenza għall-ESSC.

²³ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42.

²⁴ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70.

²⁵ ĠU L 167, 29.6.2009, p. 1.

²⁶ ĠU L 179, 7.8.1972, p. 1.

²⁷ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

- (18) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq biex jintlaħaq l-għan bażiku tal-allinjament tas-setgħat konferiti lill-Kummissjoni għall-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE li jiġu stabbiliti regoli dwar dan l-allinjament fil-qasam tal-istatistika agrikola u tas-sajd. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (19) Biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, huwa meħtieġ li l-proċeduri għall-adozzjoni ta' miżuri li nbdew iżda ma tlestewx qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament.
- (20) Billi l-emendi li saru għad-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE jikkonċernaw biss il-proċedura ta' kumitat, dik id-Direttiva m'għandhiex għalfejn tiġi trasposta mill-Istati Membri,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-atti leġislattivi elenkati fl-Anness huma emendati skont dan l-istess Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-proċeduri għall-adozzjoni ta' miżuri previsti fl-atti leġislattivi fl-Anness li nbdew iżda li ma tlestewx qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE tad-19 ta' Marzu 1996 fuq stħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-halib²⁸;

Id-Direttiva 96/16/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. għandhom iwettqu stħarriġ annwali dwar il-produzzjoni tal-ħalib u l-użu tiegħu fl-azjendi agrikoli. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 6a dwar id-definizzjoni ta' azjendi agrikoli."

(2) Fl-Artikolu 3, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

'2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 6a li jikkonċerna l-lista ta' prodotti tal-ħalib koperti mill-istħarriġ u li tfassal definizzjonijiet standard li għandhom jintużaw fil-komunikazzjoni tar-riżultati għall-prodotti varji."

(3) Jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

"Artikolu 6a

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Meta teżerċita s-setgħat delegati fl-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 3(2), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu.

3. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 3(2) għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn (Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' emenda).

4. Id-delega tas-setgħa imsemmija fl-Artikolu 1(2) u fl-Artikolu 3(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(2) jew l-Artikolu 3(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew min-naħa tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u

²⁸ ĠU L 78, 28.3.1996, p. 27.

lill-Kunsill jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma kenux sejr in joġġezzjonaw. Il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(4) L-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea (*). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni(**).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

(**) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13."

2. Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità²⁹.

Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

'2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 4 fl-aġġornament tal-metodoloġija tal-EAA. "

(2) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

'3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 4 fl-aġġornament tal-lista tal-kwantitajiet varjabbli u l-iskadenzi għall-provvista tad-dejta stabbiliti fl-Anness II. "

(3) L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 4

L-eżerċizzju tas-setgħat delegati

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

²⁹ ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1.

2. Meta teżerċita s-setgħat delegati fl-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3(3), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu.

3. Is-setgħa ta' adożzjoni tal-atti delegati msemija fl-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3(3) għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn (Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' emenda).

4. Id-delega tas-setgħa imsemija fl-Artikolu 2(2) u fl-Artikolu 3(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(2) jew l-Artikolu 3(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew min-naħa tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma kenux sejr in joġġezzjonaw. Il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

3. Ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-preżentazzjoni ta' dejta tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91³⁰.

Ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapporti u tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha lill-Istati Membri.

(2) L-Artikolu 9 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 9
Aġġornament tal-Annessi

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a li jikkonċerna l-adattament tekniku tal-Annessi. "

(3) Jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

"Artikolu 10a
L-eżerċizzju tas-setgħat delegati

³⁰ OJ L 403, 30.12.2006, p. 1.

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Meta teżerçita din is-setgħa delegata fl-Artikolu 9, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu.

3. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9 għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien minn (Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' emenda).

4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew min-naħa tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma kenux sejrjn joġġezzjonaw. Il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(4) L-Artikolu 11 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 11
Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna mill-Kumitat Ewropew għas-Sistema tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni(*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13."

4. Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96³¹.

³¹ OJ L 218, 13.8.2008, p. 1.

Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

'3. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapporti u ttippreżenta l-konklużjonijiet tagħha lill-Istati Membri.

(2) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

'1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9a li jikkonċerna l-bidliet tekniċi tal-Annessi."

(3) Jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

"Artikolu 9a

L-eżerċizzju tas-setgħat delegati

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Meta teżerċita din is-setgħa delegata fl-Artikolu 9(1), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu.

3. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9 għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien minn (Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' emenda).

4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(4) L-Artikolu 10 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat Ewropew għas-Sistema tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat

fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni(*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13."

5. Ir-Regolament (KE) Nru 1165/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-istatistika dwar il-bhejjem u l-laħam u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE, 93/24/KEE u 93/25/KEE³²;

Ir-Regolament (KE) Nru 1165/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 18 jinbidel b'dan li ġej:

**"Artikolu 18
Aġġornament tal-Annessi**

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 19 li jkunu jirrigwardaw modifiki għall-Annessi I, II, IV u V."

(2) L-Artikolu 19 jinbidel b'dan li ġej:

***"Artikolu 19*
L-eżerċizzju tas-setgħat delegati**

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Meta teżerċita din is-setgħa delegata fl-Artikolu 18, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu.

3. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 18 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien minn (Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' emenda).

4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 18 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

³² ĠU L 321, 1.12.2008, p. 1.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 18 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew min-naħa tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhux se jrin joġġezzjonaw. Il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

6. Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana³³

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

'5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 5 meta temenda l-listi ta' żoni tas-sajd statistiċi, jew tas-suddiviżjonijiet tagħhom, u tal-ispeċijiet."

(2) L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 5

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Meta teżerċita din is-setgħa delegata fl-Artikolu 2(5), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu.

3. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(5) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien minn (Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk joġġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' emenda).

4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(5) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn

³³ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1.

min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrjn joġġezzjonaw. Il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(3) L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 6

1. Sal-14 ta' Novembru 1996, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport dettaljat lill-Kummissjoni li jiddeskrivi kif id-dejta dwar il-qabdiet tkun inkisbet waqt li jispeċifikaw il-grad ta' rappreżentattività u ta' affidabilità ta' din id-dejta. Il-Kummissjoni għandha tħejji taqsira ta' dawn ir-rapporti għad-diskussjoni mal-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull modifikazzjoni tal-informazzjoni mogħtija taħt paragrafu 1 fi żmien tliet xhur mill-introduzzjoni tagħhom.

3. Ir-rapporti metodoloġiċi, id-disponibilità tad-dejta u l-eżattezza tad-dejta u kwistjonijiet oħra rilevanti dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżaminati darba f' 'sena mal-Istati Membri."

7. Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku³⁴.

Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

'4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 6 meta temenda l-listi tal-ispeċijiet u r-reġjuni tal-istatistika tas-sajd u d-deskrizzjonijiet ta' dawk ir-reġjuni, kif ukoll il-miżuri, il-kodiċi u d-definizzjonijiet applikati għall-attivitajiet tas-sajd, it-tagħmir tas-sajd, id-daqs tal-bastimenti u l-metodi tas-sajd."

(2) L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 6

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Meta teżerċita din is-setgħa delegata fl-Artikolu 2(4), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu.

3. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(4) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien minn (Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk joġġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' emenda).

³⁴ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42.

4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(3) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

'3. Ir-rapporti metodoloġiċi, id-disponibilità tad-dejta u l-eżattezza tad-dejta u kwistjonijiet oħra rilevanti dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżaminati darba f'sena mal-Istati Membri."

8. Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku³⁵.

Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

'3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 5 meta temenda l-listi tal-ispeċijiet u tar-reġjuni statistiċi tas-sajd, id-deskrizzjonijiet ta' dawn ir-reġjuni ta' sajd u l-grad permess tal-aggregazzjoni tad-dejta."

(2) L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 5

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Meta teżerċita din is-setgħa delegata fl-Artikolu 2(3), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu.

3. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(3) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien minn (Uffiċċju tal-

³⁵ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70.

pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' emenda).

4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(3) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

'3. Ir-rapporti metodoloġiċi, id-disponibilità tad-dejta u l-eżattezza tad-dejta u kwistjonijiet oħra rilevanti dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżaminati darba f'sena mal-Istati Membri."

9. Ir-Regolament (KE) Nru 543/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93³⁶;

Ir-Regolament (KE) Nru 543/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

'2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 8a meta tadatta t-tabelli ta' trażmissjoni kif stabbilit fl-Anness."

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"Artikolu 8a

L-eżerċizzju tas-setgħat delegati

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Meta teżerċita din is-setgħa delegata fl-Artikolu 6(2), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu.

³⁶ ĠU L 167, 29.6.2009, p. 1.

3. Is-setgħa ta' adożżjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(2) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien minn (Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' emenda).

4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(3) L-Artikolu 9 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 9
Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meħjuna mill-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea (*). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni(**).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

(**) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13."